Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2021/0380(COD)

28.9.2022

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew
(COM(2021)0725 – C9-0436/2021 – 2021/0380(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Pedro Silva Pereira

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Pascal Durand, Kumitat għall-Affarijiet Legali

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda ċerti Regolamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew
(COM(2021)0725 – C9-0436/2021 – 2021/0380(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0725),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0436/2021),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)[15], il-Kummissjoni pproponiet li ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni finanzjarja u mhux	(1) Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU)[15], il-Kummissjoni pproponiet li ttejjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni finanzjarja u mhux

finanzjarja tal-entitajiet billi tibni Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP). L-Istrateġija tal-Finanzi Diġitali tal-Kummissjoni[16] ***stabbiliet*** linji ġenerali dwar kif l-Ewropa tista' tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-finanzi fis-snin li ġejjin, u b'mod partikolari sabiex tippromwovi finanzi xprunati mid-*data*. Fl-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli[17], il-Kummissjoni poġġiet il-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja bħala mezz ewlieni sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-UE, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku[18].

finanzjarja tal-entitajiet billi tibni Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP). L-Istrateġija tal-Finanzi Diġitali tal-Kummissjoni[16] ***tistabbilixxi*** linji ġenerali dwar kif l-Ewropa tista' tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-finanzi fis-snin li ġejjin, u b'mod partikolari sabiex tippromwovi finanzi xprunati mid-*data*. Fl-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli[17], il-Kummissjoni poġġiet il-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja bħala mezz ewlieni sabiex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-UE, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku[18].

---

[15] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, 24.9.2020, COM/2020/590 ***finali***.

[16] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE, 24.09.2020, COM/2020/591 ***finali.***

[17] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, 06.07.2021, COM(2021) 390 ***finali***.

[18] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 11.12.2019, COM/2019/640 ***finali***.

---

[15] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, 24.9.2020, COM/2020/590 ***final***.

[16] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzi Diġitali għall-UE, 24.09.2020, COM/2020/591 ***final***.

[17] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, 06.07.2021, COM(2021) 390 ***final***.

[18] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 11.12.2019, COM/2019/640 ***final***.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-ESAP għandu jiġi stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar l-ESAP][19] sabiex ikun jista' jsir aċċess faċli għad-data għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà sabiex jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Id-dinja finanzjarja hija mistennija li tgħaddi minn trasformazzjoni diġitali fis-snin li ġejjin, u dan jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġah, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzi xprunati mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni sabiex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzi sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu informati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, l-aċċess pubbliku għal informazzjoni finanzjarja ***u*** mhux finanzjarja dwar persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huwa meħtieġ sabiex l-informazzjoni ssir pubblika, jew ***is-sottomissjoni ta'*** informazzjoni ***finanzjarja u relatata mas-sostenibbiltà*** dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom lil korp ta' ġbir fuq bażi volontarja ***("entitajiet")***, iridu jitjiebu. Mezz effiċjenti sabiex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, l-ESAP, li tagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.	(2) L-ESAP għandu jiġi stabbilit f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir-Regolament dwar l-ESAP][19] sabiex ikun jista' jsir aċċess faċli għad-data għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà sabiex jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Id-dinja finanzjarja hija mistennija li tgħaddi minn trasformazzjoni diġitali fis-snin li ġejjin, u dan jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġah, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzi xprunati mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzi sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni sabiex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzi sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà ***u l-governanza soċjali*** tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu informati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti.Għal dawk il-finijiet, l-aċċess pubbliku għal informazzjoni finanzjarja***,*** mhux finanzjarja ***u relatata mal-ESG,*** dwar persuni fiżiċi jew ġuridiċi ***(entitajiet)*** li huwa meħtieġ sabiex l-informazzjoni ssir pubblika, jew ***l-iżvelar pubbliku ta' tali*** informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom lil korp ta' ġbir fuq bażi volontarja, iridu jitjiebu. Mezz effiċjenti sabiex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, l-ESAP, li tagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.

[19] [*OP: Jekk jogħġbok daħħal in-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti: Titolu sħiħ u referenza tal-ĠU].*

[19] [*OP: Jekk jogħġbok daħħal in-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti: Titolu sħiħ u referenza tal-ĠU].*

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi lill-pubbliku aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni fir-rigward ta' entitatjiet u l-prodotti tagħhom f'relazzjoni mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li l-entitajiet u l-awtoritajiet huma meħtieġa jippubblikaw f'konformità ma' numru ta' Direttivi f'dak il-qasam. ***Fi kwalunkwe każ***, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tissottometti informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħha ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, jew għas-swieq kapitali jew dwar is-sostenibbiltà lil korp ta' ġbir bil-għan li dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].	(3) L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi lill-pubbliku b'aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni dwar entitajiet u l-prodotti tagħhom marbuta mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li l-entitajiet u l-awtoritajiet huma meħtieġa jippubblikaw f'konformità ma' għadd ta' Direttivi ***u Regolamenti*** f'dak il-qasam. ***Minkejja dan***, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tissottometti informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħha ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, jew għas-swieq kapitali jew dwar is-sostenibbiltà lil korp ta' ġbir bil-għan li dik l-informazzjoni ssir aċċessibbli fuq l-ESAP f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġi żgurat li l-ESAP jipprovdi aċċess f'waqtu għal informazzjoni li tkun rilevanti għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u	(6) Sabiex jiġi żgurat li l-ESAP jipprovdi aċċess f'waqtu għal informazzjoni li tkun rilevanti għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u

għas-sostenibbiltà, kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], l-entitajiet jenħtieġ li jissottomettu l-informazzjoni tagħhom lil korp ta' ġbir fl-istess ħin li jagħmlu dik l-informazzjoni pubblika.

għas-sostenibbiltà, kif stabbilit fir-Regolament (UE) XXXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], l-entitajiet jenħtieġ li jissottomettu l-informazzjoni tagħhom lil korp ta' ġbir fl-istess ħin li jagħmlu dik l-informazzjoni pubblika. ***Min-naħa tagħhom, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ESAP b'modi awtomatizzati u mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li jibbażaw kemm jista' jkun fuq il-proċeduri ta' ġbir u l-infrastrutturi eżistenti fis-seħħ, fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, għat-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-korpi ta' ġbir lill-ESMA.***

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex l-informazzjoni tkun tista' tintuża b'mod diġitali, jenħtieġ li l-entitajiet jissottomettu lill-korpi ta' ġbir l-informazzjoni f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni. Jenħtieġ li l-entitajiet jakkumpanjaw ukoll l-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir bil-*metadata* mitluba minn dawk il-korpi ta' ġbir. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti, li jispeċifikaw il-*metadata* għal kull biċċa informazzjoni, l-istruttura tad-*data* tal-informazzjoni u l-informazzjoni li għaliha huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni, u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża f'dak il-każ.	(7) Sabiex l-informazzjoni tkun tista' tintuża b'mod diġitali, jenħtieġ li l-entitajiet jissottomettu lill-korpi ta' ġbir l-informazzjoni ***tal-inqas*** f'format li minnu tista' tiġi estratta d-*data* jew, fejn meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni. Jenħtieġ li l-entitajiet jakkumpanjaw ukoll l-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir bil-*metadata* mitluba minn dawk il-korpi ta' ġbir. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-Awtorità Superviżorja Ewropea rilevanti, li jispeċifikaw il-*metadata* għal kull biċċa informazzjoni, l-istruttura tad-*data* tal-informazzjoni u l-informazzjoni li għaliha huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni, u liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża f'dak il-każ.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-entitajiet jinżammu responsabbli għall-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir. L-iżgurar li s-sors ikollu integrità u kredibbiltà tad-*data*, jippermetti l-protezzjoni tal-entitajiet minn tibdil mhux dovut tal-informazzjoni tagħhom, u l-bini tal-fiduċja pubblika fl-ESAP. Għal dak il-għan, id-dokumenti sottomessi mill-entitajiet lill-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn siġill elettroniku kwalifikat, inkluż mill-entità relatriċi, dwar l-informazzjoni sottomessa lill-korpi ta' ġbir fejn tali siġill ikun meħtieġ, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) XXXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].	(8) Jenħtieġ li l-entitajiet jinżammu responsabbli għall-informazzjoni ***u għall-metadata li takkumpanjaha*** li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir. L-iżgurar li s-sors ikollu integrità u kredibbiltà tad-*data*, jippermetti l-protezzjoni tal-entitajiet minn tibdil mhux dovut tal-informazzjoni tagħhom, u l-bini tal-fiduċja pubblika fl-ESAP. Għal dak il-għan, id-dokumenti sottomessi mill-entitajiet lill-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn siġill elettroniku kwalifikat, inkluż mill-entità relatriċi, dwar l-informazzjoni sottomessa lill-korpi ta' ġbir fejn tali siġill ikun meħtieġ, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) XXXX/XXX [ir-Regolament dwar l-ESAP].

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725[21] u ta opinjoni ***fil-[daħħal id-data]***[22].	(9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725[21] u ta opinjoni ***fid-19 ta' Jannar 2022***[22],
[21] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-	[21] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).	23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).
[22] ĠU C […], […], p. […].	[22] ĠU C […], […], p. […].

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Regolament (KE) Nru 1060/2009
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mill-1 ta' Jannar ***2026***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 8(6) u l-Artikolu 8(7), l-Artikolu 8a(1), l-Artikolu 8a(3), l-Artikolu 10(1), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 11(1), u l-Artikolu 12, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.	1. Mill-1 ta' Jannar ***2027***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 8(6) u l-Artikolu 8(7), l-Artikolu 8a(1), l-Artikolu 8a(3), l-Artikolu 10(1), l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 11(1), u l-Artikolu 12, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
_____	_____
* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).	* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1
Regolament (KE) Nru 1060/2009
Artikolu 13a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-1 ta' Jannar ***2026***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), l-Artikolu 8d(2), l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 11a(1), l-Artikolu 11a(2), l-Artikolu 18(3), l-Artikolu 24(5), u l-Artikolu 36d(1) issir aċċessibbli, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-isem, fejn disponibbli, u l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.	Mill-1 ta' Jannar ***2027***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3), l-Artikolu 8d(2), l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 11a(1), l-Artikolu 11a(2), l-Artikolu 18(3), l-Artikolu 24(5), u l-Artikolu 36d(1) issir aċċessibbli, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-isem, fejn disponibbli, u l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012
Artikolu 11a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mill-1 ta' Jannar ***2024***, meta tippubblika kwalunkwe informazzjoni	1. Mill-1 ta' Jannar ***2025***, meta tippubblika kwalunkwe informazzjoni

skont l-Artikolu 6(1), il-persuna fiżika jew ġuridika għandha tissottometti dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

skont l-Artikolu 6(1), il-persuna fiżika jew ġuridika għandha tissottometti dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012.
Artikolu 38a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mill-1 ta' Jannar ***2026***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 26(7), Artikolu 28(2), Artikolu 38(1), Artikolu 38(3) it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 38(4), l-Artikolu 38(5), l-Artikolu 39(7), l-Artikolu 39(8), and l-Artikolu 49(3), is-CCPs u l-membri tal-ikklirjar għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.	1. Mill-1 ta' Jannar ***2027***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 26(7), Artikolu 28(2), Artikolu 38(1), Artikolu 38(3) it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 38(4), l-Artikolu 38(5), l-Artikolu 39(7), l-Artikolu 39(8), and l-Artikolu 49(3), is-CCPs u l-membri tal-ikklirjar għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

---

* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).	* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).
	Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 38a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-1 ta' Jannar ***2026***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1), l-Artikolu 18(2), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 25(4), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 25m(1), l-Artikolu 25q(3), l-Artikolu 59(3), l-Artikolu 68(1), l-Artikolu 73(3), u l-Artikolu 77(2), ir-raba' subparagrafu, issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn meħtieġ, l-identifikatur ta' entità ġuridika tas-CCPs u tal-membri tal-ikklirjar kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.	Mill-1 ta' Jannar ***2027***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1), l-Artikolu 18(2), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 25(4), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 25m(1), l-Artikolu 25q(3), l-Artikolu 59(3), l-Artikolu 68(1), l-Artikolu 73(3), u l-Artikolu 77(2), ir-raba' subparagrafu, issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn meħtieġ, l-identifikatur ta' entità ġuridika tas-CCPs u tal-membri tal-ikklirjar kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012
Artikolu 38a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-1 ta' Jannar ***2026***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korpi ta' ġbir kif definiti fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandhom ikunu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-[Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tas-CCP u tal-membri tal-ikklirjar kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.	Mill-1 ta' Jannar ***2027***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korpi ta' ġbir kif definiti fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandhom ikunu l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-[Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tas-CCP u tal-membri tal-ikklirjar kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013
Artikolu 13a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-1 ta' Jannar ***2026***, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li	Mill-1 ta' Jannar ***2027***, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li

minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet, fejn disponibbli, u l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-fond kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.	minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-fond kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.
_____	_____
* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).	* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013
Artikolu 14a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-1 ta' Jannar ***2026***, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-fond kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip	Mill-1 ta' Jannar ***2027***, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament għandu jkun l-ESMA. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-fond kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip

ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.	ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.
* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).	* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013
Artikolu 434b – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mill-1 ta' Jannar ***2026***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont il-parti Tmienja ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.	1. Mill-1 ta' Jannar ***2027***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont il-parti Tmienja ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).	* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014
Artikolu 13a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mill-1 ta' Jannar ***2026***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 13, l-awditur jew id-ditta tal-awditjar għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.	1. Mill-1 ta' Jannar ***2027***, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 13, l-awditur jew id-ditta tal-awditjar għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
_____	_____
* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).	* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1
iR-Regolament (UE) Nru 537/2014
Artikolu 13a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sal-31 ta' Diċembru ***2025***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw	3. Sal-31 ta' Diċembru ***2026***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw

wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp ta' ġbir definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.	wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment imsemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp ta' ġbir definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.
	Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014
Artikolu 21a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mill-1 ta' Jannar ***2025***, meta jippubblika kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 17(1), l-Artikolu 17(2), u l-Artikolu 19(3), l-emittent għandu jissottometti dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.	1. Mill-1 ta' Jannar ***2026***, meta jippubblika kwalunkwe informazzjoni skont l-Artikolu 17(1), l-Artikolu 17(2), u l-Artikolu 19(3), l-emittent għandu jissottometti dik l-informazzjoni lill-korp ta' ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fl-istess ħin għall-aċċessibbiltà fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
_____	_____
* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).	* Ir-Regolament (UE) XX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP) li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, tas-swieq kapitali u tas-sostenibbiltà (ĠU L [...], […], p. […]).
	Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014
Artikolu 21a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sal-31 ta' Diċembru ***2024***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment stabbiliti skont l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp ta' ġbir definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.	3. Sal-31 ta' Diċembru ***2025***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, l-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw wieħed mill-mekkaniżmi maħtura uffiċjalment stabbiliti skont l-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2004/109/KE bħala l-korp ta' ġbir definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] u jinnotifikaw lill-ESMA dwar dan.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014
Artikolu 21a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-1 ta' Jannar ***2025***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 17(1) u 19(3) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun il-mekkaniżmu rilevanti maħtur uffiċjalment.	Mill-1 ta' Jannar ***2026***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 17(1) u 19(3) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun il-mekkaniżmu rilevanti maħtur uffiċjalment.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014
Artikolu 21a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-1 ta' Jannar ***2025***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità nazzjonali kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-isem u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-emittent kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.	Mill-1 ta' Jannar ***2026***, għall-finijiet li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(1) issir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP] għandu jkun l-awtorità nazzjonali kompetenti. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tal-emittent kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1
Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014
Artikolu 23a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-1 ta' Jannar ***2026***, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(6), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1), l-Artikolu 18(4), l-Artikolu 27(1), l-Artikolu 34, l-Artikolu 40(5), l-Artikolu 44(2), l-Artikolu 45(6) u l-Artikolu 48 issir aċċessibbli fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP]	Mill-1 ta' Jannar ***2027***, sabiex l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14(6), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1), l-Artikolu 18(4), l-Artikolu 27(1), l-Artikolu 34, l-Artikolu 40(5), l-Artikolu 44(2), l-Artikolu 45(6) u l-Artikolu 48 issir aċċessibbli fuq l-ESAP stabbilit skont ir-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP]

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, l-ESMA għandha tikkwalifika bħala l-korp ta' ġbir kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP]. Dik l-informazzjoni għandha titħejja f'format li minnu tista' tiġi estratta d-data kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) XX/XXXX [ir-Regolament dwar l-ESAP], tinkludi l-ismijiet u, fejn disponibbli, l-identifikatur ta' entità ġuridika tad-ditta tal-investiment kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament, u t-tip ta' informazzjoni kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4) ta' dak ir-Regolament.

